MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 38/2021

It-Tlieta, 28 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

### 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

38.2.1 Il-minuti tal-laqgħat Nru 36/2021-8 u 37/2021-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

38.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

38.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

38.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 36/2021-8 u 37/2021-8 u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.3.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti illi iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill fiż-Żebbuġ Playing Field u ġie nnotat ħafna vandaliżmu. Id-dwal il-baxxi madwar il-*playing field* ġew kollha imkissra. Is-Sindku propona li jiġu nstallati CCTV *cameras.* Il-membri qablu. Informa lil preżenti illi tard fil-għaxija sab residenta tbandal il-kelb fuq il-bandli. Kompla jgħid illi sabiex jiġi inawgurat l-Kunsill irid jerġa jirranġah.

38.3.2 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba informa lil membri tal-Kunsill illi l-elezzjonijiet għal President tar-Reġjun Għawdex ser isiru nhar is-Sibt, 9 t'Ottubru 2021 u l-membri huma mħeġġa jiġu jivvutaw bejn it-8.00 u l-11.00 ta' filgħodu.

38.3.3 Rigward il-problemi fuq is-servizz tal-ġbir ta' skart goff. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kuntrattur qed jimalafamha u jagħmilha l-ħsara. Filfatt żewġ persuni infurmawha b'dan fi żmienijiet differenti. L-ewwel darba li gara dan, avviċinat lis-Sindku f'dan ir-rigward sabiex tagħmillu rapport l-għassa, pero is-Sindku kien tal-fehma li ma tagħmilx rapporti għalissa. Talbet lil membri x'jaħsbu jekk tagħmel rapport lil pulizija billi l-Kuntrattur reġa imalafama ma persuna oħra. Is-Sindku wieġeb li ma jridx jindaħal pero jekk tħoss li għandha tagħmel rapport tagħmlu. Kompla jgħid li jikkundanna dan l-aġir u kompla jgħid li għandha tieħu l-passi neċessarji sabiex tkun koperta mill-liġi. Il-Viċi Sindku wieġbet li tikkundanna kull tip ta' ħsara fuq l-impjegati jew membri tal-Kunsill għax il-Kunsill qiegħed sabiex iservi lir-residenti. Il-Kunsillier Daniel Cordina ukoll jikkundanna dan l-aġir u jaqbel mas-Sindku u l-Viċi Sindku li l-Kunsill għandu jagħti servizz mingħajr preferenzi u talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tieħu azzjoni neċessarji li tkun koperta. Kompla jgħid li mhux aċċettabli li wara li dak kollu li għamel miegħu l-Kunsill u ikkopera daqshekk, l-Kunsill isib dawn l-ostakli. Qal li jiddispjaċih jara din l-attitudni għax dejjem gawda mal-Kunsill u l-ebda kuntrattur ma għandu jdejjaq il-ħidma tas-Segretarju u l-Kunsilliera. Il-Kunsilliera Sandra Grech tħoss li s-Segretarja għandha tagħmel rapport ta' dan minnufih. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li s-Segretarja għandha tiġi kuntenta fuq ix-xogħol u mhux issib dawn l-intoppi għax tkun qed tagħmel xogħolha. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li kien hu stess li ressaq suġġeriment li jinxtara trakk tal-Kunsill u l-iskart goff jibda' jinġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

38.3.4 Is-Sindku informa lil preżenti illi bħala Reġjun m'għandhomx risposta rigward l-għeluq tat-toroq waqt il-ħinijiet ta' l-iskola. Ir-Reġjun t'Għawdex talab lil Ministeru għal Edukazzjoni f'dan ir-rigward. Qal ukoll li għaddejjin diskussjonijiet mal-Kap ta' l-iskola. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li hu fl-interess ta' l-istudenti li bħala Kunsill jara li jkunu siguri. Is-Sindku għandu jindaga aktar f'dan ir-rigward.

38.3.5 Rigward Triq iż-Żebbuġ ma Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku fakkar lil membri li issa daqt tibda' tagħmel ix-xita u l-ilma jerġa jibda'

ħiereġ fi Triq iż-Żebbuġ. Is-Sindku nforma lil membri li saret talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jingħata l-kurduna pero l-Kunsill ma ngħatax risposta, għalhekk propona li l-kurduna tinxtara mill-Kunsill. Il-membri qablu. Il-membri talbu sabiex issir laqgħa mad-Direttur rigward il-kalata fi Triq iż-Żebbuġ.

38.3.6 Rigward il-*Pink October*. Il-membri qablu li jinxtegħlu l-Kazin tal-Banda u ċ-Ċentru.

38.3.7 Is-Sindku nforma wkoll lil preżenti li ġew installati l-*outdoor gym equipement* fil-*playing field* tal-Qbajjar Promenade liema fondi ġew mogħtija lil Kunsill mill-Eco Gozo. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa kif ġew mgħażula l-Kunsilli li ngħataw fondi fuq il-*greening.* Is-Sindku qal li ma jistax jifhem kif għandna l-fondi tad-DPF u l-Kunsill ma jistax jagħmel użu minnhom kemm irid. Is-Sindku kompla jgħid li ħafna proġetti ma jistgħux jinbdew peress li l-Kunsill għad ma għandux l-approvazzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex juża dawn il-fondi. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-Kunsill għandu jibda' dawn il-proġetti sabiex jitnaqqas il-perikolu.

38.3.8 Is-Sindku propona li teħel bozza ġdida fi Triq il-Mitħna peress li weħel arblu ġdid. Il-membri qablu.

38.3.9 Rigward Triq is-Sagħtrija, il-bini ta' ħitan tas-sejjiegħ, is-Sindku informa li dawn il-ħitan qed jinbnew mill-Eco Gozo, Is-Sindku fakkar li kien ippeċja din it-triq u reġa għandha bżonn tiġi ippeċjata. Is-Sindku kompla jgħid li din it-triq issa impossibli li jsir il-patching fiha u l-Kunsill m'għandux finanzi biżżejjed sabiex jiksi din it-triq. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

38.3.10 Is-Sindku, informa lil membri illi is-sejħa għal inġaġġ ta' *steward* ser tagħlaq fit-3 t'Ottubru 2021. Il-membri qablu li l-membri tal-bord għandhom ikunu *Chairperson,* is-Sur Tabone u membri s-Sur Sultana u s-Sur Galea.

38.4 Approvazzjoni ta' *Vacation leave* tal-ħaddiema Klerikali

38.4.1 Il-membri qablu unanimament li l-*leave* tal-ħaddiema jiġi approvat sabiex jiġġedded għas-sena d-dieħla peress li minħabba l-influss ta' xogħol fil-Kunsill l-ħaddiema ma setgħux jieħdu *leave* kemm xtaqu.

Il-*leave* li għandu jiġi mġedded għas-sena d-dieħla 2022 hu hekk:
Segretarju Eżekuttiv – 103.25 siegħa
Asst. Prinċipal 1 – 107.50 siegħa
Asst. Prinċipal 2 – 62 siegħa
Skrivana – 107.75 siegħa

## 38.5 Offerti

38.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil preżenti li hemm bżonn li jerġgħu joħorġu dawn l-offerti:

- *Cleaning and Upkeep of Zebbug Playing Field, Qbajjar Promenade and Ġnien Serħan is-Sagħtrija*
- *Resurfacing of streets in Żebbuġ with hot rolled asphalt*
- *Supply of ready mix concrete and related material*
- *Patching with cold and hot asphalt*
- *Collection of Bulky Refuse*

Il-membri qablu li joħoġu dawn l-offerti pero' il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-offerta *collection of bulky refuse* m'għandhiex terġa toħroġ peress li l-Kunsill għandu t-trakk tiegħu sabiex joffri dan is-servizz. Is-Sindku Nicky Saliba qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jagħmel użu mit-trakk u b'hekk ikun jista' jnaqqas kull diżgwid li jista' jinqala' waqt li nkunu qed noffru s-servizz. Il-Viċi Sindku, Dr Marlene Cini qalet li l-Kunsill għandu jagħmel għażliet bil-għaqal u juża t-trakk tal-Kunsill u l-finanzi kif suppost. Il-Kunsillier Baskal Saliba sostna li għandna nagħtu xahar cans naraw kif jaħdem il-Kunsill bit-trakk tiegħu pero il-membri ma qablux ma dan. Il-Kunsilliera Sandra Grech qablet mal-Kunsillier Cordina u l-Kunsill għandu jagħmel użu mit-trakk. Il-membri qablu li din l-offerta ma terġax toħroġ.

38.5.2 Rigward l-offerta tal-*Green wall* u *landscaping* is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ntefgħu żewġ offerti u l-irħas waħda kienet *compliant* u għalhekk il-bord irrakomanda li tingħata lil Xerri's Garden Centre. Il-membri qablu.

38.5.3 Rigward Tender ZGLC/11/2021, l-bord bgħat għal sottomessjoni ta' xi kjarifiki lil irħas offerant pero dan ma bgħatx il-materjal rikjest sad-data ta' l-egħluq u għalhekk il-bord qed jipproponi li tingħata lit-tieni offerant jiġifieri lil Refalo Signs. Il-membri qablu.

38.6 Skema Finanzjament tal-Milied 2021 u tiżjin fil-lokalita'

38.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv ressqet Cirkulari Nru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess Finanzjament Milied 2021 għal attenzjoni tal-membri. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għal din l-espressjoni ta' interess. Qablu li t-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2021 issir attivita' fi Pjazza l-Assunta bis-sehem tal-korijiet Kor Santa Marija u Kor Reġina Angelorum u s-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija Żebbuġ Għawdex. Il-Ħamis, 9 ta' Diċembru 2021 issir ħarġa għal anzjani tal-lokalita' bil-Calypso Train u s-Sibt, 11 ta' Diċembru 2021 il-korijiet tar-raħal iduru t-toroq tar-raħal waqt li jkantaw il-*Christmas Carols* sabiex iferrħu lil dawk il-persuni li ma jistgħux joħorġu minn djarhom. L-ispiża hi mistennija li tilħaq is-€26,165.

38.6.2 Rigward it-tiżjin fil-lokalita' il-membri qablu li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jiġu mżejjna Marsalforn u ż-Żebbuġ. Il-membri qablu wkoll illi f'Marsalforn tiżżejjen il-Menqa, fejn il-knisja ta' San Pawl, parti minn Triq il-Qbajjar, fejn il-venda tal-karozzi tal-linja u Triq id-Duluri waqt li fiż-Żebbuġ tiżżejjen Triq il-Knisja, Pjazza l-Assunta u tintema' wkoll is-siġra tal-Milied. Il-membri qablu fuq proposta tas-Sindku sabiex jinxtara presepju tal-milied b'figuri *life size* sabiex jintrama minn sena għal oħra fil-pjazza. Il-Viċi Sindku proponiet u l-membri qablu li napplikaw mill-fond kulturali tal-Ministeru għal Għawdex.

38.7 Skema Fondi LESA – Progetti fil-komunitajiet

Is-Sindku propona illi jitranġa parti mill-Qbajjar Promenade inkuż il-*playing field equipment,* is-*safety carpets* u l-pavimentar. Il-Viċi Sindku proponiet li jsiru *bins* taħt l-art sabiex ikun hemm *waste management* aħjar. Il-Kunsillier Cordina qabel mal-Viċi Sindku pero' wera' l-opinjoni li l-ittranġar tal-Qbajjar Promenade hu aktar bżonnjuż u propona li ssir talba lil Green MT u lil Wastserv sabiex bħal ma għamlu bins ta' dawn ix-xorti f'lokalitajiet oħra, jistgħu

jagħmlu dawn f'Marsalforn ukoll. Għahekk il-membri qablu li għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għal dawn il-fondi sabiex jitranġa parti mill-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li jitranġaw il-*playing field equipment,* ir-*rubber flooring* u l-pavimentar mill-funtana lejn il-parkeġġ fejn hemm l-iskips, u dan peress li l-fondi li ser jingħataw huma limitati. Il-membri qablu li l-Perit għandu jipprepara l-BOQ neċessarja sabiex is-Seg. Eżekuttiv tkun tista' tissottometti l-applikazzjoni li ser tagħlaq fit-22 t'Ottubru 2021.

38.8 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

38.8.1 *Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:*

38.8.1.1 Talbet sabiex jitnaddaf il-Wied ta' Marsalforn peress li ser tibda' ix-Xitwa. Il-membri qablu li ssir talba lil Eco Gozo f'dan ir-rigward.

38.8.1.2 Issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex Triq l-Għerejjex li taghti għas-Salvatur titranġa. Il-membri qablu.

38.8.1.3 Staqsiet rigward it-talba għal fanal ġdid fi sqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha illi fis-7 ta' Lulju 2021 intbgħatet l-STL form lil Enemalta.

38.8.1.4 Talbet għal *update* rigward l-*StormWater culvert* ta' Triq Madonna taċ-Ċiċċri. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha illi l-Kuntrattur għandu jibdieħ fil-futur qarib.

38.8.1.5 Staqsiet rigward il-grada tal-ħadid ta' Triq il-Knisja. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li din ser tiġi tiswa €1091. Il-membri qablu li tiġi ordnata.

38.8.1.6 Staqsiet rigward il-*Bye Law* ta' Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill rċieva mid-Dipartiment għal Gvern Lokali f'dan ir-rigward u l-Avukat tal-Kunsill ser iwieġeb għal xi mistoqsijiet li talab id-Dipartiment.

38.8.1.7 Rigward il-Batterija tal-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kunsill qed jistenna mill-Avukat tal-Kunsill sabiex

jinfurmah lil min tappartjeni u l-Perit Scerri ser iħejji *survey* dettaljat.

38.8.1.8 Rigward il-*crash barriers* ta' Triq il-Knisja. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Viċi Sindku li ġiet avviċinata minn uffiċċjal fil-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmel *survey* ħalli jkunu jistgħu jsiru mill-Ministeru stess.

38.8.1.9 Talbet sabiex titranġa l-Ħofra tat-Torok fi Triq Ħabel it-Twil. Is-Sindku nfurmha li ser isir it-tikħil u l-kisi neċessarju.

38.8.1.10 Talbet sabiex Triq tal-Kanun titwaħħal mera għax min ikun tiela minn naħħa t'isfel ma jarax min ikun nieżel u viċi versa. Il-membri qablu mal-proposta tal-Viċi Sindku u qablu wkoll li tinżebgħ *SLOW* ma' l-art.

38.8.2 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

38.8.2.1 Talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex rigward il-kisi ta' parti minn Triq il-Ponta.

38.8.2.2 Talab sabiex isir *repainting* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq ir-Rabat.

38.8.3 *Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

38.8.3.1 Proponiet sabiex isiru sinjali tal-parkeġġ fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta u l-Kunsillier Daniel Cordina qal li iħoss li Marsalforn kollu għandu jsir hekk.

38.8.3.2 Proponiet sabiex fejn il-Horizon Restaurant isir railing ta' l-*stainless steal.* Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

38.8.3.3 Talbet sabiex il-*one way* ta' Triq il-Qbajjar titneħħa mill-1 t'Ottubru u dan peress li dik titpoġġa biss fis-Sajf. Il-membri qablu.

38.8.4 *Il-Kunsilliera Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

38.8.4.1 Sabiex terġa tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex sabiex isir l-asfaltar mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar peress li qed ikollha ħafna ilmenti mir-residenti f'dan ir-rigward.

38.8.5 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

38.8.5.1 Talab sabiex jinżebgħ il-parkeġġ għal muturi fi Triq Barda.

38.8.5.2 Propona li jsir *traffic management* f'Xagħra Road. Il-membri qablu li jintalab il-Ministeru għal Għawdex.

38.8.5.3 Fakkar sabiex teħel bozza bejn il-Knisja u Xagħra Road. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi l-Kunsill għadu qed jistenna l-permess ta' l-Enġineer f'dan ir-rigward.

38.8.5.4 Talab sabiex isir ir-*repainting* tas-sinjali sofor fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu.

38.8.5.5 Talab sabiex il-Kunsill jibda' joffri s-servizz li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma jibdew jitħallsu l-Kunsill. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Arms.

38.8.5.6 Rigward sqaq fi Triq il-Ponta. Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa jekk hux privat peress li applikant li ser jibni f'dak l-isqaq mill-PA talbuh juri jekk hux sqaq pubbliku. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li la hemm bozza tat-triq u drenaġġ mgħoddi dan l-isqaq hu pubbliku. Il-membri qablu pero li issir talba lil Awtorita' ta' l-Artijiet f'dan ir-rigward sabiex il-Kunsill ikun jista' jivverifika jekk hux privat jew pubbliku.

38.8.5.7 Propona sabiex l-Club tal-Futbol jibda jieħu ħsieb li jnaddaf il-mirja tal-lokalita'. Il-membri qablu.

38.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

38.9.1 Talba għal *double yellow lines* mal-ġenb tal-garaxx fi Triq Santa Marija fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx. Il-membri qablu.

38.9.2 Proposta minn resident fejn talab li jitpoġġew it-tabelli neċessarji fi Triq il-Wied peress li qed jingħataw ċitazzjonijiet lil karozzi pparkjati waqt li din it-triq tkun *pedestrian*. Il-membri qablu li jitwaħħlu t-tabelli biswit il-kamra tad-drenaġġ u isiru in-*no parking* signs bil-ħinijiet skond it-tabella tal-*pedestrian*.

38.9.3 Ilment minn residenti li fi Triq il-Qbajjar qed jitħalla ħafna ħmieġ mis-Supermarkets. Il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra sabiex tinġibed l-attenzjoni lis-sidien.

38.9.4 Korrispondenza mill-awtriċi Melanie Azzopardi. Il-membri qablu li jinxtraw żewġ kotba għal librerija.

38.9.5 Residenta minn Triq Oniċi fejn talbet sabiex jinbidlu l-erbgħa dwal li baqa' mal-pilastri. Il-membri qablu.

38.9.6 Resident minn Triq il-Ponta talab sabiex issir *communal disabled parking bay.* Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

38.9.7 Residenta talbet sabiex titwaħħal kaxxa postali fi Triq Santa Marija qrib il-Qbajjar. Il-membri qablu li tintbgħat talba lil Maltapost f'dan ir-rigward.

38.9.8 Resident talab sabiex jitwaħħlu *dog litter bins* qrib Pjazza l-Assunta u il-Playing Field. Il-membri ma qablux ma din it-talba.

38.9.9 Sid ta' ħanut fi Triq il-Wied talab sabiex issir *un/loading bay* oħra qrib l-ispiżerija. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

38.9.10 Cirkulari AKL/2021/095, MOU iffirmat bejn AKL u Dipartiment tax-Xogħlijiet. L-AKL iffirma ftehim mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex Kunsill ikun jista' jagħmel użu mis-servizzi ta' tekniċi esperti kif ukoll użu ta' ħaddiema tax-xogħlijiet. Il-Kunsill jixtri l-materjal u x-xogħol isir minn dawn il-ħaddiema.

38.9.11 Talba minn sid ta' stabbiliment sabiex jitnaddfu l-*culverts* ta' Triq Santa Marija. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

38.9.12 Ilment Nru. 41/2021
Talba sabiex jitneħħew żewġ *disabled parking spaces* fi Triq in-naħla peress li hemm tlieta u l-biċċa l-kbira jkunu vojta.

Il-membri ma qablux ma din it-talba.

38.9.13 Ilment Nru. 42/2021
Talba sabiex Triq ix-Xtut titranġa kif ukoll titranġa l-bankina peress li tiżloq.

Il-membri qablu li titranġa l-bankina.

38.9.14 Ilment Nru. 43/2021
Talba sabiex jitneħħa *disabled parking bay* minn Triq il-Lampuka peress li min kien jużah miet.

Il-membri qablu li jitneħħa.

38.9.15 Ilment Nru. 44/2021
Talba sabiex jitwaħħal *ceiling fan* fil-*customer care office* tal-Kunsill Lokali fiż-Żebbuġ minħabba is-sħana.

Il-membri qablu.

38.9.16 Ilment Nru. 45/2021
Talba sabiex jitnaddaf il-Wied ta' Marsalforn.

Il-membri diġa kienu qablu fuq proposta li ressqet il-Viċi Sindku li għandha ssir talba lil Eco Gozo f'dan ir-rigward.

38.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 26/2021 għall-perjodu ta' Settembru 2021 li tammonta għal € 44,323.16 ġiet approvata u ffirmata.

38.11 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet *sine die.*

Konfermati, illum 29 t' Ottubru 2021

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv